Minuti tal-Laqgħa Nru. 20 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 17 ta' Novembru 2008 fit-3.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Dr Frank Psaila<br>Is-Sur Joseph Piscopo A.Mus.L.C.M. (ħa postu fit-3.50p.m.)<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Mozzjonijiet
5. Ħlasijiet

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru 19 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tas-Sinjura Luċia Massa ssekondata mis-Sur Joseph Camilleri.

## 2. REFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Is-Sur Victor Caruana staqsa x'kien sar fuq it-tindif tal-*Water Culverts*. Is-Sindku wieġeb li peress li xi snin ilu l-*Cleansing Department* kien għen lill-Kunsill fit-tindif tal-*Culverts*, saret talba lil dan id-Dipartiment biex, qabel ma tinħareġ it-*tender*, nesploraw il-possibilta' li jgħinna wkoll din id-darba u b'hekk niffrankaw ftit tal-flus. Madankollu issa rċevejna tweġiba negattiva għat-talba tagħna u allura jkollna noħorġu t-*tender*.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza kollha li daħlet sas-17 ta' Novembru 2008, fosthom ;

a) Talba mill-Iskola Primarja ta' Ħal Luqa għal donazzjoni ta' kotba fl-okkazjoni tal-*Prize Day* li se ssir fit-12 ta' Diċembru 2008. Il-Kunsill qabel li tingħata l-istess donazzjoni bħal tas-sena l-oħra.

b) E-mail mill-Prof. Chris Fearne dwar il-*Memorial Fund* biex jitwaqqaf Masġar b'tifkira għall-ex Membru Parlamentari Dr Karl Chircop. Il-Kunsill unanimament qabel li jikkontribwixxi għal dan il-*Fund*.

c) E-mail mill-AKL li tesprimi s-sodisfazzjon tagħha dwar iniżjattivi li tħabbru fil-Budget fuq proġetti għal żvilupp sostenibbli fil-lokalitajiet permezz tal-*Local Green Challenge Award,* il-*Local Council Entreprise Support Award Scheme* u l-*Co-Financing Fund*.

c.i) Fi spunt li ttieħed f'dan l-istadju, fuq suġġeriment tas-Sur Victor Caruana l-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lil *Malta Heritage* biex flimkien mal-Kunsill Lokali Luqa u l-Kunsill Lokali Gudja jinġiebu fondi biex isir ir-restawr tas-Salib li hemm fi Triq il-Gudja.

c.ii) Fuq suggeriment tas-Sur Victor Caruana l-Kunsill qabel ukoll li tintbagħat ittra lid-Direttorat tat-Toqoq biex waqt li jkun għaddej ix-xogħol fuq Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa, Triq il-Gudja tiġi *up-graded* u tingħata t-tarmac. It-talba tagħna ssir ukoll peress li t-traffiku minn Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa se jiġi devjat għal Triq il-Gudja.

d) E-mail mill-AKL dwar il-programm ta' attivitajiet li se jittella' bejn it-3-7 ta' Diċembru 2008 biex jitfakkar il-15 Anniversarju mit-Twaqqif tal-Kunsill Lokali f'Malta. Kopja ta' dan il-programm ingħatat lill-Kunsilliera kollha.

e) E-mail nill-AKL dwar laqgħa għall-Kunsillieri - Reġjun Xlokk li se ssir is-Sibt, 22 ta' Novembru 2008.

- Ġiet innotata wkoll il-korrispondenza kollha tal-MEPA li daħlet sas-17 ta' Novembru 2008.

- Dwar iċ-ċitazzjonijiet tat-traffiku li jingħataw fi Triq Dun Pawl, Luqa permezz tas-CCTV camera, is-Sur Victor Caruana qal li minn informazzjoni li tah ċertu Supretendent tal-Pulizija, il-liġi tgħid li *parking-bay* immarkata '' *Keep Clear* '' tista' tintuża minn xi ħadd ieħor waqt li l-istabbiliment (fil-każ tagħna l-Bank of Valletta) ikun magħluq. Is-Sindku John Schembri talab lis-Sur Caruana jġib dik il-parti tal-liġi li tgħid dan.

  Wara diskussjoni fuq dan is-suġġett, il-Kunsill iddeċieda li tintbagħat ittra lill-awtorita kompetenti tal-Pulizija biex jekk huwa possilbbli jagħtuna bil-miktub dwar jekk jistgħux jew le karozzi jipparkjaw f'*reserved parking* meta (fil-każ tagħna) il-Bank ikun magħluq.

- Is-Sur Victor Caruana ppreżenta kwotazzjoni għax-xiri ta' tliet standardi għall-Kunsill. Il-Kunsill approva x-xiri ta' dawn l-istandardi skond il-kwotazzjoni sottomessa.

## 4. MOZZJONIJIET

4.1 Mozzjoni mressqa mis-Sindku John Schembri u ssekondata mill-Viċi Sindku Joseph Scicluna tgħid li : **il-Kunsill japprova li ssir il-mixgħela ta' toroq għal-matul il-festa tal-Milied.** Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament..

4.2 Mozzjoni ppreżentata mill-Kunsilliera Luċia Massa u ssekondata mill-Viċi Sindku Joseph Scicluna tgħid li **: l-Kunsill japprova li ssir ħarġa kulturali fl-okkazjoni tal-15 Anniversarju tal-Kunsilli Lokali**. Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

4.3 Il-Kunsill approva wkoll b'vot unanimu mozzjoni mressqa mis-Sindku John Schembri u ssekondata mis-Sur Joseph Scicluna li tgħid li : **l-Kunsill japprova li għal żmien il-festi tal-Milied issir il-bibita' annwali għall-Kunsillieri u għal dawk il-ħaddiema li jagħmlu xogħol relata mal-Kunsill.** Il-Mozzjoni ġiet unanimament approvata. Sadattant ġie deċiż ukoll li din l-attivita' ssir nhar it-Tnejn, 22 ta' Diċembru 2008.

- Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scicluna qal li b'rabta ma' din l-attivita' għal matul il-festi tal-Milied kien qiegħed jipproponi li ssir ikla għall-Kunsillieri u l-*partners* tagħhom flimkien ma l-istaff tal-Kunsill. Huwa qal li din hija attivita' ta' darba f'sena. Din kienet issir qabel u ma jarax għala l-Kunsill m'għandux jagħmilha, speċjalment meta wieħed iqis li l-Kunsillieri ma jieħdu xejn għax-xogħol li jagħmlu.

  Dwar din il-proposta kien hemm qbil unanimu. Pero' is-Sur Victor Caruana qal li għalkemm jaqbel, ikun tajjeb li naraw jekk b'din l-attivita' nkunux qegħdin niksru d-direttiva li ngħatat lid-dipartimenti governattivi biex inaqqsu l-ispiża u ma jorganizzawx dawn l-attivitajiet.

- Is-Sindku wieġeb li għalkemm kulħadd jaqbel, nivverifikaw ma' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex naraw li kollox ikun kif għandu jkun. |ied igħid li f'kaz li ma jkunx hemm problemi, issugerixxa li din l-attivita' ssir il-Ġimgħa, 19 ta' Diċembru 2008. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

LUQA

## 5. ĦLASIJIET

4.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sas-17 ta' Novembru 2008 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fl-4.45 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

    - Konfermati llum 22 ta' Diċembru 2008.

John Schembri
Sindku

Michael Borg
Segretarju Eżekuttiv